KUNSILL LOKALI SLIEMA LOCAL COUNCIL
Depiro Street, Sliema SLM 04
Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33

Ref: Seduta 4# 21/06/06/V/E

# MINUTI TAR-RABA' SEDUTA

**Ir-Raba' Seduta** tal-Hames Kunsill Lokali ta' Sliema nzammet nhar **l-Erbgha 21 ta'Gunju 2006**, fl-Ufficcji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Prezenti:**
**Is-Sindku :** **Marina Arrigo**

**Kunsilliera :** **Marianne Aquilina**
**Margaret Azzopardi**
**Michael Briguglio**
**Martin Debono**
**Nikki Dimech**
**Julian Galea**
**Luke Vella**

**Assenti skuzat :**
**Il-Vici Sindku Albert Bonello Dupuis.**

Is-Seduta bdiet fl-4.30p.m. b'din l-Agenda.

**AGENDA**

1. **Qari u Approvazzjoni ta'Minuti.**
2. **Materji konessi mal-Minuti.**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u hlas ta'pagamenti).**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Ezekuttiv.**
5. **Rapport dwar xoghlijiet Polidano /Triq Santa Marija.**
6. **Rapport sotto kumitat Kultura/Anzjani.**
7. **Roti u Klieb fuq il-Promenade.**
8. **Progett Qui si-Sana.**
9. **Timeshare Booths.**
10. **Parkegg ghar-residenti.**
11. **Affarijiet ohra hekk urgenti.**

Fil-bidu tas-seduta saret talba mis-Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sindku s-Sinjura M. Arrigo f'isem il-Kunsill tat il-kondoljanzi lill Kunsilliera M.Azzopardi ghall mewt tal-Mama taghha.

**1.Qari u approvazzjoni ta'Minuti.**

1.1 Il-Minuti ta' l-ahhar Seduta gew mehuda bhala moqrija u gew approvati. Il-Kunsillier M.Debono astejena. Wara il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku.

**2. Materji konessi mal-Minuti**

2.1 Il-Kunsillier M.Debono staqsa jekk *'l-isleeping policeman'* fi Triq Blance Huber kienitx saret. Din kienet saret u hafna mir-residenti lmentaw dwarha. Imma din issa tpoggiet f'post iehor li ma tolqot lill hadd,

2.3 Il-Kunsilier M.Debono staqsa dwar il-Cats Cafe'. Huwa qal li kien iltaqa mal-mastrudaxxa u kien ftiehem mieghu kif trid issir. Is-Segretarju qal li kien gie l-haddied u kien ser jghatina stima. Ix-xoghol tal-galvanizing imbghad kien jithallas mill-kunsill separatament.

**3. Progett ta' Qui Si-Sana. (item 8 fl-agenda).**

3.1 Minhabba li fil-Kamra waqt s-Seduta ta' l-Kunsill kienu prezenti diversi membri tal-pubbliku minn Qui si-Sana l-Kunsillier M.Debono talab sospenzjoni tal-Agenda biex jigi diskuss il-*progett ta' Qui Si Sana.* Huwa gie sekondat mill-Kunsillier M.Briguglio u l-membri l-ohra tal-Kunsill qablu ma dan.

3.2 Il-Kunsillier M.Debono qara l-korrispondenza mibghuta lill Kunsill mill-assocjazzjoni tar-residenti ta' Qui Si-Sana, bl-oggezzjonijiet ghall-dan il-progett

3.2 Wara s-Sindku s-Sinjura Marina Arrigo talbet lill Kunsill biex nissospendu l-laqgha formalment biex nghatu cans lill membri tal-pubbliku prezenti biex jghatu l-veduti taghhom dwar dan il-progett.

3.4 Wara diskussjoni mal-membri tal-pubbliku regghet infethet is-Seduta. Deher car li uhud mir-residenti ta'Qui Si-Sana ma jridu xejn li jsir fil-gnien. Kien hemm ohrajn li jaqblu mal-Car Park imma mhux mal-kummercjalizzazjoni tal-post. Ohrajn li riedu li jsir abelliment tal-gnien biss.

3.5 Wara din d-diskussjoni il Kunsillier M.Briguglio qal li xtaq jghamel mozzjoni dwar il-Kummercjalizzazjoni tal-Gnien.

3.6 Il-Mozzjoni tal-Kunsillier M.Briguglio kienet tghid *'li ma jkunx hemm kummercjalizzazjoni fiz-zona fejn bhalissa hemm propost il-progett ta' Qui si-Sana '.* Huwa gie sekondat mill-Kunsuillier M.Debono. Favur kienu il-Kunsilliera M.Briguglio, M.Debono, u M.Aquilina. Kontra kienu s-Sindku s-Sinjura M.Arrigo, u l-Kunsilliera M.Azzopardi, N. Dimech, J.Galea, u L. Vella. Il-mozzjoni ma ghadditx.

3.7 Il-Kunsillier M.Debono qal li d-Development Brief tat-2002 ghandu jigi rtirat ghaliex diga' nbidel. Mhux kulhadd fil-Kunsill qabel ma dan.

3.8 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li konna tlabna laqgha mal-Prim Ministru biex nitolbuh jwaqqa' d-Development Brief, u din il-laqgha ma saret qatt u anke ktibna lill Ombudsman dwar dan.

3.9 Is-Sindku s-Sinjura Marina Arrigo offriet li tirranga biex issir din il-laqgha u nghidu lil Prim Ministru x'jixtiequ r-residenti.

3.10 Il-Kunsillier N.Dimech qal li xtaq jghamel kontro proposta ghall-dik li saret mill-Kunsillier M.Briguglio. Din kienert tghid *' Li ma jkunx hemm kummercjalizzazjoni fiz-zona fejn bhalissa hemm propost il-progett ta' Qui si-Sana hlif li ssir gabbana zghira fil-gnien li fiha ma jkunx jista' jsir daqq ta' muzika, taghlaq skond il-ligi, ghalkemm r-residenti ma jridu xejn'.* Huwa gie sekondat mis-Sindku s-Sinjura Marina Arrigo. Favur kienu s-Sindku s-Sinjura M.Arrigo, u l-Kunsilliera N.Dimech, M.Azzopardi, J.Galea, L.Vella. Astjenew il-Kunsilliera M.Briguglio, M.Debono, M.Aquilina. Il-Proposta ghaddiet.

3.11 Il-Kunsillier M.Debono baqa' jinsisti li d-development Brief tat-2002 ghandu jigi rtirat, u ghamel din il-mozzjoni *' Li d-Development Brief 2002 ghall-progett ta' Qui si-Sana ghandu jigi rtirat minnufih'.* Huwa gie sekondat mill-Kunsillier M.Briguglio. Favur il-Kunsilliera M.Debono, M.Briguglio, u M.Aquilina. Kontra s-Sindku s-Sinjura M.Arrigo, u l-Kunsilliera M.Azzopardi, N.Dimech, J.Galea, L.Vella. Il-mozzjoni ma ghadditx.

3.12 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo ghamlet proposta li tghid *'Li taqbel li d-Development Brief 2002 ghandu jigi emmendat'.* Hija kienet sekondata mill-Kunsillier N.Dimech. Kulhadd qabel ma din il-mozzjoni.

3.13 Il-Kunsilliera M.Aquilina *qalet ' li hija taqbel li ma ghandu jsir xejn lanqas il-carpark f'dan il-post hlief embelliment tal-gnien u minghajr kummercjalizzazjoni '.* Xtaqet li din titiehed bhala mozzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier M.Debono. Favur kienu il-Kunsilliera M.Aquilina, M.Debono, u M.Briguglio. Kontra kienu s-Sindku s-Sinjura M.Arrigo, N.Dimech,M.Azzopardi, J.Galea, L.Vella. Il-Mozzjoni ma ghadditx.

3.14 Wara dan kollu s-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kienet ser tirranga biex jsir appuntament mal-Prim Ministru biex niddiskutu dan il-progett.

**4. Rapport dwar xoghlijiet Polidano/Triq Santa Marija.(item 5 fl-agenda).**

4.1 Is-Sindku s-Sinjura Marina Arrigo tat rapport tal-laqgha li kienet saret ma rapprezentant ta'Polidano Bros, dwar il-problemi tal-hlasijiet tal-krejn/hoarding fi Triq it-Torri u il-hlasijiet pendenti li ghandu l-Kunsill dwar ix-xoghlijiet li kien ghamel. Hija qalet li wara l-ewwel laqgha issa kienet saret offerta li Polidano flok 300 metru ta' tarmak fit-toroq kien accetta li jghamel 450 metru tul bil-wiesgha tat-triq. Dawn kellhom jkunu lesti sa l-ahhar ta'Ottuibru 2007. Dan bil-patt li l-Kunsill jhallas il-flus dovuti ghax-xoghol li ghamel Polidano fi Triq Rudolfu. Dan il-ftehim kien bla pregudizzju. Waqt din il-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sinjura M.Arrigo, u l-Kunsilliera N.Dimiech, M. Azzopardi, M.Debono u ghall-parti mill-laqgha l-Kunsillier M.Briguglio. Waqt din il-laqgha nghatat is-somma ta' lm20,000 lill Polidano bhala parti mill-hlas li l-Kunsill ghandu jghati tax-xogholijiet pendenti. Dwar din l-ghotja ta'flus kienu qablu l-Kunsilliera li kienu prezenti, waqt li l-Kunsilliera M.Aquilina u J.Galea gew ikkuntattajati fuq it-Telefon. Kopja tal-ftehim u tal-minuti ta' dik il-laqgha gew ipprezentati waqt is-seduta (ara dok. A.).

4.2 Il-Kunsillier M.Briguglio, li kellu jitlaq kmieni waqt il-laqgha msemmija 4.1, qal li d-dicitura tal-ftehim ma jirriflettix dak li gie deciz fl-istess laqgha. It-Lm80,000 li qed issir referenza ghalihom tirraprezenta ammont skond Polidano Bros. U mhux skond il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddecieda li l-ammont li fadal jinghata lil Polidan jrid jigi diskuss u deciz mill-istess Kunsill, u dawn wara li jigu rrangati jew imnaqqsa xi xogholijiet hziena li saru. Ghalhekk Il-Kunsillier M.Briguglio ghamel xi emmendi ghad-dicitura u l-Kunsill qabel maghhom. L-emmendi huma annessi ma dawn il-minuti.

4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien jistenna li meta qeghdin jigu diskussi finanzi tal-Kunsill, bhala il-bniedem responsabbli skond il-Ligi kellu jkun mistieden ghall-din il-laqgha. Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo wiegbet li l-kunsill kien responsabbli. Il-Kunsillier M.Briguglio qal li jaqbel mas-Segretarju Ezekuttiv ghax il-ligi tal-Kunsilli Lokali kienet tghid car li s-Segretarju Ezekuttiv huwa l-Kap Ezekuttiv, Finanzjarju u Amministrattiv tal-Kunsill.

4.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li veru li l-Kunsill ghandu jghati lill Polidano l-flus tax-xogholijiet li ghamel, pero' kellna noqoghdu attenti li qabel ma jitlesta r-rapport tal-Perit Bezzina ma kellniex inhallsu iktar flus lill Polidano.

4.5 Il-Kunsillier M.Debono qal li ma stajniex inqabbdu perit iehor meta il-Periti tal-Kunsill ma gewx infurmati li kienu spiccaw mix-xoghol taghhom u kien ghadhom ma thallsux tax-xoghol li ghamlu, u konna qeghdin niksru l-kodici tal-etika meta qabbadna periti ohra. Huwa qara xi korrispondenza li kienu bghatu il-periti Spiteri.

4.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li huwa kien kiteb lill Periti u nfurmahom bix-xoghol hazin li kien qieghed jghamel Polidano u dawn approvaw ix-xoghol u hargu l-kontijiet biex jithallas. Huwa qal li huwa jaqbel li dawn jithallsu imma wara li jitlesta r-rapport tal-Perit Bezzina li jrid jistipula l-ammont dovut lill Polidano u fuqu jiehdu il-precentagg li haqqhom. L'asserzjoni li huma ma kienux jafu bix-xoghlijiet li kien qed jghamel Polidano hija farsa ghaliex allura ghalfejn kejjlu u ser jiehdu d-drittijiet professjonali. Is-segretarju kompla li huwa kien nfurmat mill-Perit Bezzina li huwa gie mitlub mill-periti koncernati biex ma jidholx fil-kwistjoni. Jiena nfurmajtu biex jiehu parir legali biex jkun jista jkompli x-xoghol u f'kaz negattiv kont se nitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jghatina parir hu fuq kif se nsolvu din il-problema, biex ghada pitghada hadd ma jakkuzani b'nuqqas li hallasna xi flus li ma kienux dovuti. Barra minhekk il-Periti Spiteri jafu li x-xoghol taghhom kien terminat ghax l-ex Sindku s-Sur A.Bonello Dupuis kien informa li Perit Joe Spiteri u l-Kunsill anke hareg sejha pubblika ghall-offerti ta' xoghol ghall-Contract Manager Gdid.

4.7 Il-Kunsillier M.Briguglio qal ukoll li l-Kunsill ghandu jiehu l-parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk jistax ikun hemm ftehim fejn Polidano jghamel xogholijiet b'450 metru tarmak f'toroq sa' l-ahhar ta' Ottubru 2007 minflok ma jhallas il-hlasijiet pendenti tal-Krejn/Hoarding fi Triq it-Torri. Il-Kunsill qabel ma dan. F'dak li ghandu x'jaqsam mal-kundizzjoni ghal dan il-ftehim li Polidano jithallas il-hlasijiet pendenti ghall-Triq Rudolfu. Il-Kunsill rega' kkonferma li x-xogholijiet hziena li saru minn Polidano jridu jigu rrangati jew imnaqqsa qabel ma jithallas iktar flus, u l-ammont pendenti ghandu jigi stmat mill-istess Kunsill Lokali. Il-Kunsillier M.Briguglio nsista li l-ftehim irid jkun skond il-ligi. Ma dan qablet ukoll il-Kunsilliera M.Aquilina. Is-Segretarju kellu jara dwar dawn il-punti kollha.

4.8 Il-Kunsill approva il-hlas ta'Lm20,000 li kien inghata Polidano.

4.9 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill Kunsill li l-Awtorita' dwar it-Trasport kienet harget il-permessi necessarji biex x-xoghol fi Triq Santa Marija jkun jista' jibda fit-3 ta' Lulju 2006. Il-Kunsillier L.Vella ssuggerixxa li l-isqaq zghir f'din it-triq jinghata l-istess trattament jew xi haga simili kif kien sar fi Sqaq Sajjan. Kien hemm qbil dwar dan.

**5. Komunikazzjonijiet (Korrispondenza item 3 ta' l-agenda).**

5.1 Inqrat ittra mid-dipartiment ta' l-Artijiet fejn infurma lill Kunsill li gie determinat il-kuntratt tal-kiri tal-gabbana ta' taht Peppi Kiosk.

5.2 Il-Kunsill qabel li jghamel oggezzjoni lill MEPA ghall-applikazzjonijiet ta'svilupp f'51, Triq Windsor ref. 02704/06, u 80 Triq Rudolfu ref. 02586/06.

5.3 Inqrat talba tal-HSBC biex issir rampa hdejn l-ATM li hemm fix-Xatt biex tkun accessibbli ghall-persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill qabel li jkollu pjanta ta' kif se issir. Kellna nsaqsu lill MEPA biex naraw x'ser jsir f'Sqaq Luzio

5.4 Talba tal-Awtorita' dwar it-Trasport biex jsiru zewg *'Horse Cabs stands'* fix-Xatt giet accettata imma dawn kellhom jitqieghdu fil-postijiet ghan *No Parking* li saru mill-Awtorita' hdejn il-Vapuri ta' Captain Morgan.

5.5 Inqrat risposta mill-MEPA dwar talba ghall kopji ta' pjanti ghall-progett ta'Qui Si-Sana u il-Pjazzetta. Il-Mepa nfurmat lill Kunsill li dawn wiehed seta' jarhom fil-*Planning Shop* fil-hinijiet ta' l-Ufficcju. Skond il-ligi ta' l-1992 il-Mepa ma tistax tibghat kopji ta' pjanti sottomessi ma applikazzjoni ta' svilupp.

5.6 Inqrat ittra ta'ringrazzjament mill-Ministru G.Pullicino ghall-kondoljanzi mibghuta lilu fil-mewt tal-Mama tieghu.

5.7 Inqrat ittra mibghuta mill-Federazzjoni tal-Klabbs tal-Bocci dwar il-possibilta' li jsir Pitch tal-Bocci f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li l-Federazzjoni tissugerixxi xi postijiet hija.

5.8 Talba tat-Tribunal Lokali biex quddiem l-ABC stationers jigu nsallati sinjali tat-traffiku kellha tintbghat lill Awtorita' dwar it-Trasport biex tara x'jista jsir.

5.9 Talba iffirmata minghand diversi residenti biex issir Karozza Cirkolari minn San Gwann taghddi minn tas-Sliema, San Giljan u lura kellha tintbghat lill Awtorita' dwar it-Trasport.

5.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ukoll ghall-approvazzjoni l-pjanti dwar fejn kienu se jsiru il Waste Recyling Bins. Tnejn kienu se jsiru fil-gnien tal-iskola fi Triq Depiro u Triq Blanche Huber u jkunu midfuna. Iehor fi Triq Manwel Dimech faccata ta' Triq Banche Huber (taht il-blat), ohra ix-Xatt (fejn qabel kien hemm il mobile toilets. Il-Kunsillier M.Debono qal li ma kienx jaqbel ma dan il-post. Il-Kunsillier M.Briguglio qal li dawn il bins kienu xi haga li rridu nidraw ghaliex il poplu jrid jkollu il-facilitajiet necessarji fejn jarmi l-iskart tieghu. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.11 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-kunsill diversi ittri dwar il-bini li kien qieghed jsir fi Pjazza Sant.Anna u dwar il-protesti li kienu saru mir-residenti.

5.12 Inqrat ittra mibghuta mill-Kumitat tal-Banda Sliema fejn oggezzjonaw ghall-mod kif il-Kunsill kien ta' l-ghajnuna tieghu ghall-attivitajiet kulturali, li gew deskritti bhala (decizzjonijiet pseudo marxista ta' medjokrita'). Il-Kunsill sostna d-decizzjoni tieghu li ttiehed fil-laqgha ta'qabel.

5.13 Talba ghall-ghajnuna finanzjarja biex jigi miksi il-Ground ta'Villa Schinas immexxi mill-Azzjoni Kattolika fejn hafna tfal u zaghzagh jmorru ta' kuljum jilghabu giet milqugha mill-Kunsill li kien se joffri Lm200. L-Azzjoni Kattolika kienet taqa' taht skeda VIII tal-ligi.

5.14 Inqrat ittra ta' ringrazzjament mill-Patrijiet Frangiskani Minuri ghall-offerta tal-Kunsill ghall attivitajiet kulturali.

5.15 Talba mill-Parrocca tal-Balluta biex il Kunsill jghamel reklam li jiswa Lm100 fil-programm tal-Festa ta' gietx accettata.

5.16 Talba mill-Exiles Sports Club ghall-ghajnuna finanzjarja biex jsir tournament internazzjonali tal-Waterpolo bejn it-18 u il-21 ta'Lulju 2006. Il-Kunsill qabel li jghati offerta ta' Lm50 .

5.17 Inqrat talba ghall-ghajnuna fl-attivita' Running for Charity li kienet se ssir b'risq L-Eden Foundation u Caritas Drug Rehabilitation. Il-Kunsill qabel li jghati s-somma ta' Lm50.

5.18 Ittra mibghuta minn residenti ta' Qui si-Sana Court dwar l-istat li jinsab fih l-isqaq privat li hemm fi Triq Qui Si sana. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jidher li dak illum kien ittiehed mill-Gvern. Kellna naraw jekk dan kienx minnhu.

5.19 Inqrat ittra mibghuta mis-Segretarju tal-MEPA s-Sur Francis Tabone dwar il-Karozza Elettrika biex tkun tista' tintuza bhala karozza cirkolari f'Tas-Sliema. Il-Mepa kienet qed titlob lill Kunsill taghrif dwar din il-karozza li kellha tirrispetta l-ambjent, u kellha tigi sottomessa *Project Proposal* kif ukoll d-dettalji ta' kif se tahdem, ir-rotta, frekwenza, hin, operazzjoni, hlasijiet, insurance u garaging taghha. Ghall dan il-porogett il-MEPA kienet se tohrog is-somma ta' LM35000, mill-fondi tas-CCPS. Il-kunsill qabel ma dan il-progett.

**6. Timeshare Booths (item 9 fl-agenda)**

6.1 Inqrat talba mibghuta mis-Sur Frank Farrugia mill-Awtorita' dwar it-Turizmu biex jsiru seba' kiosks temporanji ghall bejgh ta' Timeshare matul il-kosta ta'Tas-Sliema. Ma din l-ittra kien hemm ukoll pjanta li turi fejn dawn kienu se jsiru. Il Kunsill ma qabilx ma dan it-talba u l-Awtorita' dwar it-Turizmu kellha tkun infurmata b'dan.

**7. Parkegg ghar-residenti (item 10 ta' l-Agenda)**

7.1 Il-kunsill qabel li jkompli bir-rapport ghall parkegg tar-residenti u gie deciz li jsiru dawn it-toroq : Kullegg l-antik, Nazzarenu, Sant.Anglu, Guze' Cardona, Melita, Dun Karm Psaila, Dun Karm Galea, Sir Gorg Borg, Il-Creche,Gino Muscat,San Pawl, Misrah il-Lunzjata, Sant'Agata, Madonna tas-Sokkors.

**8. Roti u Klieb fuq il-Promenade. (item 7 tal-agenda).**

8.1 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kellha hafna ilmenti minn nies anzjani minhabba li fuq il-Promenade qed jkun hemm hafna li jkunu jigru bir-roti u skate boards. Dan seta' jkun ta' periklu ghall-dawn in-nies u l-Kunsill ghandu jghamel xi haga dwarhom.

8.2 Il-kunsillier M.Debono qal li barra minn Malta jkun hemm post apposta biex dawn in-nies jkollhom ukoll fejn jsuqu r-roti taghhom. Is-Sindku qalet li l-Awtorita' dwar it-Trasport kienet tixtieq li taghmel korsa ghalihom fuq il-promenade u laqgha ghalhekk kienet se ssir nhar it-Tnejn 26 ta'Gunju 2006 fid-9.30p.m. Il-Kunsillier M.Debono offra li jattendi. Huwa qal li l-Awtorita' dwar it-Trasport kienet se taghmel kampanja biex in-nies juzaw ir-roti.

8.3 Il-Kunsill iddecieda li jsiru tabelli temporanji bil-hinijiet meta jkunu jistghu jintuzaw roti fuq il-Promenade. Dan ser jkun kuljum, il-hin kollu barra bejn is-6.00p.m. u s-2 00a.m. Dawn il-hinijiet ser jibqghu temporanji sa kemm ikun hemm bicycle lanes, fejn r-roti jkunu jistghu jintuzaw il-hin kollu, izda fil-bicycle lanes.

Il-Kunsillier M.Briguglio halla s-Seduta.

8.4 Rigward il-klieb li jkunu jigru fuq il-blat minghajr cinga, kellna nistaqsu lill Pulizija biex naraw xi tghid il-ligi u ninfurzawha.

**9. Rapport Sotto Kumitat Kultura u Anzjani. (item 6 ta' l-agenda).**

9.1 Il-Kunsilliera L.Vella u M.Aquilina taw rapport tal-laqgha li kienet saret tas-Sotto Kumitat ghall-Kultura u Anzjani. Huwa qal li l-hargiet li kien jmiss kienu se jkunu hargiet kulturali madwar tas-Sliema biex insiru nafu ahjar il-lokal x'joffri u harga fejn niltaqghu mal-President tar-Rebbublika f'Sant'Anton. Gie suggerit li mis-sena d-diehla tibda issir il-gimgha ta' Tas-Sliema li tkun qrib l-ahhar gimgha ta'Mejju. Gie suggerit ukoll li jsir Innu Ufficcjali ta'Tas-Sliema u wiehed jista' juza il-kliem ta' Dun Pawl Vella li nkiteb madwar mitt sena ilu. Dan jista jigi muzikat u jindaqq f'kull attivita tal-Kunsill u tal-Baned fil-lokal. Il-Kunsillier L.Vella ressaq imbghad ghall-approvazzjoni il-programm Festi Sajf li kien jkopri attivitajiet kulturali bejn l-24 ta'Gunju u l-ahhar ta'Settembru. Inghad ukoll li ghall-ewwel darba qed jinxtghel madwar il-bahar fi Gnien Indipendenza wara li dan d-dawl gie sponsorjat mill-ministeru ghall-Ambjent u Affarijiet Rurali. Kienu ukoll se jsiru bnadar zghar madwar il-promenade kollu kif kienu dawk li saru ghac-Chogim. Poster bl-attivitajiet kollha tal-Kunsill kellu jitqassam fil-futur qarib.

**10. Komunikazzjonijiet (Mistoqsijiet lis-Sindku/Segretarju Ezekuttiv) (item 4 ta' l-agenda).**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni t-Talba tas-Sur Edward Cuschieri biex jiehu hsieb ix-xoghol konness mal-anzjani skond kif mitlub fl-avviz li ghamilna fil-gazzetti lokali. Huwa biss kien applika ghall dan is-servizz u kien qieghed jitlob Lm2.50 is-siegha nkluza il-Vat. Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sur Edward Cuschieri jghamel dan ix-xoghol.

10.2 Il-Kunsillier J.Galea talab lill Kunsill biex is-Sinjura Maryrose Francica Manager ta' Europe Direct tindirizza lill Kunsill dwar progetti li l-Kunsill jista jibbenifika minnhom. Il-Kunsill qabel ma dan u s-Sinjura Francica tat taghrif dwar kif l-Europe Direct tista' tghin lill Kunsill biex jgharaf metodi kif jista' jakkwista fondi mill-Unjoni Ewropeja ghall gid tal-Lokal. Europe Direct jghinu ukoll lill Kunsill biex jaghraf il-policies ta' l-Unjoni u tghin biex jinsabu shab f'pajjizi ohra biex jigu akkwistat dawn il fondi. Rapprezentant tal-Kunsill ghandu jkollu laqghat regolari mal-Europe Direct biex issir din konsultazzjoni mehtiega. Il-Kunsill qabel ma dan u l-Kunsilier J.Galea se jkun il persuna responsabbli minn progetti bhall dawn.

10.3 Il Kunsilliera M.Azzopardi qalet li kienet saret laqgha tas-sottokumitat dwar l-ambjent fejn kienu prezenti ukoll il-Kunsillier M.Briguglio u Dr.Stanley Zammit fejn gew diskussi diversi materji li jolqtu l-ambjent fil-lokal. Wahda mill-affarijiet diskussi hija s-sigar fil-lokalita u l-mod kif jigu mizbura. Issemma ukoll id-dawl li fil-prezent hemm madwar s-sigar. Hija suggerit li dan jinqala' u jsir biss fil-festi tal-Milied. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawk il-bozoz kienu saru mill-Awtorita tat-Turizmu bhala abbelliment u l-ahjar l'issa nhallu s-sajf jghaddi u mbghad nighdulhom jnehhuhom.

10.4 Issemma il *Bus shelter* gdid li sar fix-Xatt ghax qieghed f'nofs il-bankina. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li huwa kien kellem lill Faces Ltd., dwar dan u qalu li huma ghandhom certu kriterji kif dawn jitwahhlu. Dan sar skond il permess mahrug mill-MEPA. Kellna naraw jekk dan il-Bus Shelter jistax jigi rrangat.

10.5 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li kellha talba biex xi persuni jinghataw permess ghall-parking fil-post fejn hu riservat ghar-residenti(ix-Xatt ta'Tigne). Dawn se jkunu Malta ghand tal-familja ghall-xaghrejn. Il-Kunsill qabel li jinghata dan il-permess.

10.6 Il-Kunsillier M.Briguglio qal li fix-Xatt il-hinijiet tal-Parking ma kienux qed jinzammu u ghalhekk il-gwardjani ghandhom jaraw li dan jsir ghax ir-residenti qeghdin jbatu.

10.7 Is-sindku s-Sinjura M.Arrigo qalet li ghandha lment li fil-parti ta' isfel ta' Triq Sant Antnin ir-residenti mhux qed jkunu jistghu jidhlu fid-dar taghhom minhabba li jipparkjaw il-karozzi ezatt mad-djar. Il-kunsill qabel li ssir linja safra biex r-residenti jkunu jistghu jidhlu fi djarhom.

**11. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Pagamenti. (item 3 ta' l-agenda).**

Il-Kunsill approva il-hlas ta' pagamenti li kien jkopri minn cekk Nru. 7701 sa Cekk Nru.7805 u wara gew iffirmati minn zewg Kunsilliera.

**12. Affarijiet Ohra.**

12.1 Il-Kunsill approva li fi Gnien Indipendenza jsir il-main tad-*Drip Irrigation* gdid.

12.2 Il-Kunsill iddecieda li Seduta ohra tal-Kunsill tkun l-Erbgha 12 ta'Lulju 2006 fil-4.30p.m.

Is-Sindku ghalqet is-Seduta fit-7.45p.m.

**Lino Bartolo**
**Segretarju Ezekuttiv.**

**Marina Arrigo**
**Sindku.**

"Dok. A"

**Meeting with Polidano Bros on Friday 9th June, 2006 at 1930hours.**

**Present**

Mayor
Mrs Marina Arrigo

Councillors
Mr Michael Briguglio
Mr Martin Debono A+Ce
Mr Nikki Dimech
Ms Margaret Azzopardi

**Apologies**
Deputy Mayor
Albert Bonello Dupuis

Councillors
Marianne Aquilina
Julian Galea
Luke Vella

**obo Polidano Bros**
Ms Isabella Vella

**Issue 1**
Discussion regarding the works to be done by the Council main contractor in exchange for placement of tower crane in Tower Road (Tower Crane has now been removed).

The length of 300m road works, as per discussion during last Council meeting was increased to 450m. The Councillors present accepted and the other Councillors that were available to be contacted, agreed with this agreement. Namely Maryanne Aquilina and Julian Galea. Other Councillors were not available to answer the calls.

**Issue 2**
The issue regarding the outstanding payments by Polidano of Polidano was discussed. The amount of Lm80,000 was mentioned. The Councillors present anonymously agreed that part of the payment would be paid to the contractor. There will be a further meeting to discuss the outstanding amount ~~of Lm60000~~, to be covered with any remedial works, that need to be done according to the local council.

Meeting was concluded at 2030hours.

PolidanoGroup

www.polidano-group.com

The Mayor
Mrs. Marina Arrigo
Sliema Local Council
Depiro Street
Sliema

6th June 2006

Dear Madam,

**Re: Proposal to be presented to Sliema Local Council re. Road Works**

Reference is made to the meeting of the 3rd May held at Polidano Group offices between your good self, Mr. Martin Debono (councillors responsible for roads and infrastructure) and Mr. Charles Polidano (for Polidano Brothers Ltd.) Mr Nicky Dimech also had to present for the meeting, however, was unable to attend due to unforeseen circumstances.

We are pleased to inform you that on the basis of our discussions during the said meeting Polidano Brothers Ltd is pleased to make the following proposal:

Undertake road works on a number of roads to be identified by the Local Council provided that: /according to the local Council

1. outstanding payments (less retention fees if any) owed by the Local Council in relation to works carried out on Rudolph Street be paid to Polidano Brothers;
2. works will be carried out on three (3) or more roads not exceeding a total length of four hundred fifty metres (450m);
3. the works to be carried on the roads to be identified shall include scarifying and surfacing (pavements and related works shall not be included as part of the road works);
4. the said works will be carried out by not later than the end of October 2007;
5. no claim for fees will be made by the Local Council in relation to the tower crane situated at Tower Road Sliema;

Polidano Bros Ltd
Polidano Leisure Ltd
Polidano Holdings Ltd
Riviera Resort Hotel Ltd
Eagle Beams Ltd
Multilease Ltd
Lapsi Quarry
EcoWays Ltd
Polmesh Ltd
Mait Ltd

Hal Farrug Road, L/O Luqa LQA 05, Malta Tel: +356 2124 4520, 2124 4539, 2124 4241 Fax: +356 2124 5675 Email: info@polidano-group.com
Directors: Charles Polidano (Managing), Paul Polidano Bankers: Bank of Valletta plc

This proposal is being offered as an *ex gratia* basis with a view of settling this matter once and for all and is being offered without prejudice to Polidano Brothers Ltd. claim that no fees are due in relation to the above mentioned tower crane.

While we sincerely hope that the proposal is acceptable to the Local Council we look forward for your reply on the matter. In the meantime we remain,

Yours truly,

Charles Polidano
p/p Managing Director Polidano Group

M. Aquilina - contacted and agreed.
J. Cutajar - contacted and agreed.
M. Buqulio - was here + said OK before he left.